MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2628/1999/1

**L-Avukat Dottor Joseph J Vella bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta-socjeta' estera Societe de Promotion Hoteliere Khamsa SA**

**Vs**

**Jason Briffa u Gordon Debono f'isimhom proprju u kif esercenti fin-negozju Time Publications u s-socjeta' Leisure Holidays Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn hames mija u disgha u disghin lira Maltin (Lm2,599) ekwivalelenti ghal 7538.30 Tunisian Dinars, rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u catering u servizzi ohra pprovduti fuq istruzzjonijiet taghhom, gewwa l-Lukanda Khamsa Corinthia, Tunisia, kif jidher minn prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

Premess illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 1999, izda xorta baqghu inadempjenti.

Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-artikolu 167 – 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) stante li fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn mmarkat Dok B a tenur tal-istess artikolu tal-Kap 12 hawn fuq indikati.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispenza ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 –170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u disgha u disghin Lira Maltin (Lm2,599) ekwivalenti ghal 7538.30 Tunisian Dinars, rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u catering u servizzi ohra provduti fuq istruzzjonijiet taghkom, gewwa l-Lukanda Khamsa Corinthia, Tunisia, kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Ottubru, 1999, u tal-Mandat ta' Qbid u ta' Sekwestru li qed jigu ppresentati kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghax sal-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Gordon Debono u tas-socjeta' Leisure Holidays Limited** a fol. 26 tal-process fejn eccepew :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attur nomine u ma gewx provduti b'servizzi kif premess fic-citazzjoni attrici, u ghalhekk m'humiex il-legittimi kontradditturi;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi l-konvenut Jason Briffa debitament notifikat baqa ma rrispondiex;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien Jason Briffa Managing Director ta' Time Publications li kien ghamel il-*bookings* in kwistjoni u kien assuma r-responsabilita' ghall-pagament taghhom - ara fol 43 u 48. Bruno Cassar xehed li c-*cheque* ghall Lm975.33 B2 a fol 39 qatt ma wasal ghandhom ara fol 38 u li s-somma dovuta minn Jason Briffa hija ta' Lm2,340.

L-atturi ma gabux provi dwar x'involviment kellu Gordon Debono u l-kumpanija citata ghall dawn il-*bookings*.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti, ghalkemm il-konvenuti nghataw diversi differimenti biex igibu l-provi taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba attrici
fil-konfront ta' Jason Briffa ezercenti in negozju f'isem Time Publications u tikkundannah ihallas l-ammont ta' elfejn tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm2,340)
bl-imghax mis-7 ta' Ottubru 1999 sad data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez;
il-konvenut Gordon Debono kif citat qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez ukoll ghall Jason Briffa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------